MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 332/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Darren Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Darren Camilleri talli fit-12 ta’ Awwissu 2005, ghall-habta ta’ bejn is-2.30 p.m. u 3.00 p.m., fi Triq Prince Albert, Albertown, Marsa, saq vettura numru KAR-708:

1) Minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

2) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma’ vettura numru IBI-458,

u involontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Dominic Gafa`;

3) U aktar fis-26 ta' Awwissu, 2005, ghall-habta tas-1.06 p.m., fi Triq Aldo Moro, Marsa, u f'dawn il-Gzejjer, uza xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghal uzu tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew;

4) Kif ukoll qal kliem oxxen jew kliem indecenti fil-pubbliku liema kliem kien jikkonsisti f'dagha u kliem baxx;

5) U aktar hedded bil-kliem lill-imsemmi Dominic Gafa`;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Novembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Darren Camilleri hati tat-tieni mputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal-Lm25 multa u ordnat is-sospensjoni minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien tmien (8) tijiem mill-ghada tas-sentenza appellata, filwaqt li ma sabitux hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit 23 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tas-sejbien ta' htija taht it-tieni imputazzjoni, u liberazzjoni mill-bqija tal-imputazzjonijiet, ghajr l-ewwel imputazzjoni li dwarha qieghed jigi ntavolat l-appell odjern, thassarha u tirrevokaha fir-rigward tal-liberazzjoni minn din l-ewwel imputazzjoni u minflok wara li jinstemghu il-provi issib u tiddikjara htija ta' l-imsemmi Darren Camilleri f'din l-imputazzjoni u tibdel il-piena nflitta mill-Qorti Inferjuri sabiex tiehu in konsiderazzjoni dan is-sejbien addizzjonali ta' htija skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu itwal minn dak ordnat minn dik il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Id-difiza qed issostni in lineja preliminari li l-appell ghandu jigi michud peress illi l-Avukat Generali sostna fir-rikors tieghu illi l-appell qieghed jigi intavolat ai termini ta' l-artikolu 413(1A) tal-Kodici Kriminali – li ma jezistix – u l-artikolu 26 tal-Kap. 65 – li jitkellem dwar avviz dwar bejgh jew trasferiment xort'ohra ta' vettura b'licenzja.

Effettivament huwa minnu illi l-artikolu 413(1A) tal-Kodici Kriminali ma jezistix. Kien jezisti u llum huwa renumerat bhala 413(2). Kwantu ghall-artikolu 26 tal-Kap. 65 imbaghad, huwa minnu wkoll li dan l-artikolu llum m'ghandu x'jaqsam xejn mal-jedd ta' l-Avukat Generali li jappella minn decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati dwar procedimenti li jinqalghu mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta (sija fuq punt ta' dritt kif ukoll fuq punt ta' fatt), u dan peress illi dan il-jedd illum jirrizulta mill-artikolu 63 (u li qabel kien l-artikolu 26) ta' dik l-Ordinanza. L-appell jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 104 u ghalhekk x'jghid l-artikolu 63 tal-Kap. 65 huwa fi kwalunkwe kaz irrilevanti.

L-abbli prosekutur imbaghad issottometta illi l-Avukat Generali mhux obbligat bil-ligi li jiccita l-artikolu tal-ligi li tahtu jkun qed jintavola appell u ghalhekk proprjament, anke jekk saret referenza ghal artikoli zbaljati, tali referenza kienet superfluwa. Dan huwa korrett[1] u ghalhekk l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellat huwa michud. Pero` din il-Qorti xorta tinsab perplessa kif isiru zbalji simili b'referenzi ghal artikoli li m'ghadhomx jezistu u addirittura ghal artikoli li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-appell intavolat, u tistenna li dan ma jibqax isir.

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Incorvaja**, 27 ta' April 2006.

Dwar il-fatti ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni. L-appellat kien gie mitlub min missieru Joseph Camilleri biex isuqlu l-iscammel ghal gimgha peress li missieru kien qieghed ibati minn ugiegh f'dahru. L-appellat saqsa lil missieru jekk kienx kopert bl-assigurazzjoni u missieru assigurah li kien peress illi kien hallaslu l-flus apposta. Sehh incident, l-appellat mar ihallas l-*excess*, izda wara baghtu ghalih mill-assigurazzjoni biex jirrifondulu l-flus peress illi rrizulta li ma kienx kopert u fil-fatt il-flus zejda li hallas missier l-appellat kienu jikkonsistu f'zieda fil-*premium* minhabba li kien ghamel xi *claim*. Joseph Camilleri xehed illi huwa kien mija fil-mija cert li ibnu l-appellat kien kopert. L-appellat xehed li qabel ma saq l-iscammel ma rax l-*insurance certificate* li kien fit-trakk ghax kien accertat minn missieru.

Issa, l-aggravju ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi kwantu jirrigwarda l-elementi mehtiega sabiex tissussisti l-ewwel imputazzjoni dedotta, u partikolarment il-kuncett ta' zball ta' fatt in lineja difensjonali, u b'mod ukoll li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

L-Avukat Generali jghid li dan l-aggravju jiskatta mis-segwenti bran fis-sentenza appellata:

*"Ghalkemm jirrizulta li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni jirrizulta li l-imputat kien gie accertat li kien kopert kif kien kopert missieru.*

*Billi dan mhux kaz fejn ma kinitx tezisti assikurazzjoni izda li sewwieq partikolari ma kienx kopert u l-Qorti taccetta bhala difiza valida l-accertazzjoni tal-missier.*

*Ghalhekk ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tilliberah."*

Skond l-Avukat Generali, din l-enuncjazzjoni tal-ligi in lineja difensjonali mhijiex korretta. Jghid li gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Nadine Busuttil** (25 ta' Lulju 1997) li t-traskuragni ta' dak li jkun (li testendi anke ghal

zball ta’ fatt) jew l-injoranza tieghu f’materja penali ma tistax titqies bhala raguni specjali ai termini ta’ l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104. U fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alexander Frendo** (30 ta’ April 1993) din il-Qorti rriteniet li ghalkemm tapprezza li hemm differenza bejn min isuq minghajr ma jkun kopert b’polza ta’ assikurazzjoni kapriccozament u min il-polza tkun skadietlu bi ftit granet sforz ta’ traskuragni, xorta wahda kieku gara incident il-konsegwenzi kienu jkunu l-istess u huwa proprju ghalhekk li l-legislatur ma ghamilx distinzjoni bejn kaz u iehor. Jghid li l-izball fondamentali li ghamlet l-ewwel Qorti f’dan il-kaz kien proprju jikkonsisti f’illi ghamlet tali distinzjoni bejn kaz u iehor (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Beverly Sciberras**, 24 ta’ Novembru 2000).

Din il-Qorti tghid bla ebda ezitazzjoni li taqbel pjenament ma’ dak li qed jghid l-appellant Avukat Generali. Ma hemmx dubbju li qabel ma persuna taqbad u ssuq vettura ta’ haddiehor, din ghandha tassigura ruhha li dik il-vettura tkun debitament assigurata biex tinsaq minnha. Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ kopertura ta’ assigurazzjoni f’kaz ta’ incident jistghu jkunu serji hafna (ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. John Mary Sacco**, 8 ta’ Jannar 1996).

U fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Bartolo** deciz fit-28 ta’ Gunju 2002, l-appellant f’dak il-kaz kien ippermetta lil ibnu isuq il-vettura tieghu ghax kien minghalih li l-polza ta’ assigurazzjoni kienet tkopri anke lil ibnu ghax meta mar jirrinnova l-assigurazzjoni huwa kien talab lill-persuna addetta sabiex l-assigurazzjoni tkun tkopri “lil kulhadd li ghandu ‘l fuq minn tmintax-il sena”. L-appellant pero` ammetta li hu ma qarax il-kopja tal-polza li kien ircieva u anqas ghamel xi verifiki ohra biex jassigura ruhu li dak li kien qal lill-persuna addetta mir-*renewals* ghar-rigward tal-kopertura fil-fatt kien sar. L-appellant hemm ikkontenda li si trattava ta’ *a mistake of fact* u li ma setax ghalhekk jigi ritenut responsabbli skond is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 3 tal-Kap. 104. Din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Vincent DeGaetano (illum Prim Imhallef), qalet hekk:

**“Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta’ fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball ‘essenzjali’ (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f’dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta’ l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball ‘inevitabbli’, cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta’ attenzjoni normali. Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 jimponi obbligu fuq kull min juza vettura, jew igieghel jew jippermetti lil haddiehor li juza vettura, li <u>qabel xejn jivverifika biex jara li dik il-vettura, jew dik il-persuna li tkun ser issuq, tkun koperta bid-debita assigurazzjoni</u> (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Roderick Gerada* App. Krim. 14/2/2001, li ghaliha hemm referenza anke fis-sentenza appellata). Id-debita kopertura tal-assigurazzjoni hija intiza ghall-protezzjoni tal-pubbliku, u wiehed ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta` penali taht l-imsemmi Artikolu 3(1) jekk ma jkunx ghamel il-verifiki kif suppost. L-aktar haga elementari li wiehed hu mistenni li jaghmel hi li jaqbad il-polza ta’ assigurazzjoni u jaqraha jew, jekk ma jafx jaqra, almenu jaghtiha lil xi hadd li jista’ jaqrahielu, proprju biex jara min hu kopert u min ma hux. L-appellant *ex admissis* dan ma ghamlux. Ghalhekk l-ewwel aggravju tieghu ser jigi respint”.**

U fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmen Spiteri**, deciz fit-30 ta’ Ottubru 1991, gie ritenut:

**“L-aggravji ta’ l-appellant huma tnejn. L-ewwel wiehed hu li l-karozza in kwistjoni kienet ta’ hu l-appellanti, u hi kienet isselfitha minn ghandu, bla ma kienet taf li ma kinitx assikurata. F’dan ir-rigward l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet [ta’ Malta] ighid li hadd ma jista’ juza vettura tal-mutur fit-toroq jekk ghall-uzu ta’ dik il-vettura minnu ma tkunx issehh polza ta’ sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi. Dan l-artikolu kjarament jobbliga lil min juza vettura, li jaccerta ruhu li dik il-vettura tkun koperta b’assikurazzjoni skond il-ligi. Il-**

**fatt li l-appellanti ma kinitx taf li l-car ma kinitx assikurata, ghalhekk, ma jiskuzahiex."**

Hekk ukoll fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Maria Bezzina** deciz fit-12 ta' Dicembru 2000, intqal:

**"Kif hu stabbilit u kostantement ritenut, huwa dejjem u biss is-sewwieq tal-vettura li ghandu l-obbligu legali li qabel ma jsuq xi vettura, aktar u aktar jekk din ma tkunx tieghu, jara li din tista' tinsaq barra regolarment fis-sens li tkun koperta minn licenzja tas-sewqan u polza ta' assigurazzjoni."**

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza li din il-Qorti tikkondividi pjenament, huwa evidenti illi l-izball ta' l-appellat ma kienx wiehed inevitabbli, u l-anqas li seta' jaghmel kien proprju li jhares lejn ic-certifikat ta' l-assigurazzjoni sabiex jassigura ruhu illi huwa kien kopert. Ma jistax ghalhekk jinghad illi l-appellat **"ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix li r-reat isir"** (art. 3(1B) tal-Kap. 104). F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Is-sejbien ta' htija skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104 inissel ukoll bhala konsegwenza l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tnax-il xahar b'dan li l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni illi f'certi cirkostanzi li hi tqis bhala ragunijiet specjali tnaqqas jew izzid mill-perijodu ta' skwalifika, jew taghti kull ordni ohra, cioe` li anke addirittura ma tapplikax tali skwalifika.

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-fatti u cirkostanzi ta' dan il-kaz u tara li ghalkemm kien hemm indubbjament element ta' traskuragni da parti ta' l-appellat, huwa evidenti wkoll li, kif svolgew il-fatti kif fuq spjegati, hemm certament ragunijiet specjali sabiex hi taghmel uzu mid-diskrezzjoni moghtija lilha skond is-subartikolu (2A) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u jkun hemm temperament fil-perijodu ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan billi il-perijodu ta' skwalifika jibqa' dak kif originarjament impost mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata u b'hekk tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha u minflok issibu hati wkoll ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf lira (Lm1,000) u tikkonfermaha fil-kumplament, b'dan li l-perijodu ta' skwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------